MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 359/2006

Kawza fil-lista: 43

**A B**
**vs**
**C B**
**u b' digriet tat-8 ta' Frar 2007 zdiedu l-kliem "illum D"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: -

1. Il-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' April, 2002 fil-knisja parrokjali ta' San Bartilmew, il-Gharghur, kif jidher mill-anness certifikat immarkat bhala Dok. A.

2. Il-partijiet isseparaw personalment permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Jannar, 2006 in atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono (Dok. B).

3. Il-kunsens tal-kontendenti, ossia ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb b' qerq dwar diversi kwalitajiet tal-parti l-ohra, li mix-xorta taghhom, fixklu serjament il-hajja mizzewga (Kap. 255; Art. 19(1)(c)).

4. Inoltre, il-kunsens tal-kontendenti, ossia ta' wahda mill-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Kap. 255; Art. 19(1)(d)).

5. Il-kunsens tal-kontendenti, ossia ta' wahda mill-partijiet, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg (Kap 255; Art. 19(1)(f)).

6. Inoltre, l-kunsens tal-kontendenti, ossia ta' wahda mill-partijiet kien marbut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur (Kap. 255; Art. 19(1)(g)).

7. L-esponenti jaf personalment b' dawn il-fatti kollha.

Tghid ghalhekk l-istess konvenuta intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet iddikjarati, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikolu 19 (1) subincizi (c), (d), (f), u (g) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha, filwaqt li ddikjarat li taqbel li z-zwieg huwa null, attribwiet ir-responsabbilita' ghal dan lill-attur, u cahdet li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi ndikati mill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali "tal-kontendenti ossia ta' wahda mill-partijiet" kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta taqbel ma' din it-talba, ghalkemm tatribwixxi t-tort lill-attur.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-6 ta' April 2002 meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 23 sena u wara li l-partijiet kienu ilhom jafu u johorgu flimkien bejn 7 u 8 snin. Wara circa sena u nofs miz-zwieg il-partijiet isseparaw de facto, u fis-6 ta' Jannar 2006 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal. Illum iz-zewg partijiet ghandhom relazzjoni extra matrimonjali.

Illi l-attur[1] jilmenta mill-fatt li meta zzewgu, <u>fuq proposta tal-konvenuta</u> accettata minnu, huwa ried li jipprovaw ghat-tfal mill-ewwel, izda l-konvenuta kienet kontra dan u kienet qaltlu 'ejja nghatu cans l-ewwel sena ha ngawdu.' L-attur jghid li wara xi tmien xhur ta' konvivenza matrimonjali bdew il-problemi meta l-konvenuta biddlet il-

[1] Affidavit fols.18 *et seq.* u deposizzjoni fols.49 *et seq.*

post tax-xoghol taghha u bdiet tohrog ta’ spiss u ddum barra u tirritorna b’ riha ta’ xorb fis-sieghat bikrin ta’ filghodu. Fl-affidavit tieghu l-attur isemmi okkazzjonijiet li fihom u flimkien mal-familjari tieghu u tal-konvenuta stess kienu hargu filghodu kmieni biex ifittxu lill-konvenuta li ma kinitx irritornat id-dar. Fl-ahhar okkazzjoni huwa kien issorprenda lill-konvenuta tixrob go bar u tizfen ma’ zewg irgiel, wara liema okkazzjoni l-partijiet isseparaw.

L-attur jghid li meta zzewweg huwa ried li jkollu t-tfal u jibni familja. Huwa jghid li kien jirrispetta lil martu u kien jaghmel kollox ghaliha. Kien jahdem sas-7.00pm imbaghad jirritorna lura d-dar. Huwa kien jiehu hsiebha u ma kienx possessiv fuqha. Izda l-konvenuta minn naha taghha riedet tgawdi billi tohrog u tibqa’ barra tard bil-lejl mal-hbieb taghha, fosthom irgiel. Jghid li matul konvivenza matrimonjali ta’ sena u nofs, ir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom, ma kienux spissi; u li hu kien ifittixha hafna, izda hi kienet tirrifjuta; kienet iddur in-naha l-ohra u kienet tghidlu li ma kellhiex aptit. Eventwalment dawn ir-relazzjonijiet intimi nqatghu ghal kollox. Jghid: “wara tlett xhur bdejna nnaqsu, wara sitt xhur bdew il-problemi u bdejna ninzlu.”

Illi fid-deposizzjoni[2] taghha l-konvenuta tammetti li lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali kien hemm zewg okkazzjonijiet meta hi kienet marret id-dar fis-sakra u li kienet marret darbtejn parties f’ nightclubs minghajr l-attur, u li kienet gidbet lill-attur hames darbiet dwar fejn kienet u li darba minnhom kienet irritornat id-dar fis-7.30 am u li kienet raqdet fuq il-blat; izda tghid li dan il-komportament taghha kien dovut ghal fatt li kienet imdejqa tghix ma’ l-attur.

Hija tispjega li sa minn qabel iz-zwieg l-attur kien bniedem indeciz u “ma jafx xi jrid”; kien jaqbad argumenti maghha u jdum igebbidhom granet; kien dispreggjattiv fil-konfront taghha u “kien iqabbilni hafna ma’ nies ohrajn u kien jghidli li jien m’hinix tajba ghal xejn.” Hija tilmenta mill-fatt li kienu johrogu spiss mal-partner fin-negozju, ta’ l-attur;

[2] Fol.64 *et seq.*

tghid hekk: “Ta’ kuljum maghna, jarah mieghu x-xoghol, jekk immorru l-bahar jigi maghna, jekk immorru nieklu jigi maghna.” Di piu’ tghid li l-attur kien mohhu fin-negozju u ma kien jinteressah xejn ahtar. “Huwa ossessjonat bil-flus.”

Hija tghid li l-attur kien possessiv hafna fuqha, u hi kien ihossha “ristretta hafna.”; u fl-affidavit[3] tieghu taghti sitt ezempji ta’ l-affarijiet li ma kienx ihalliha taghmel, fosthom li ma kienx ihalliha tmur timxi wahedha fuq il-front ta’ tas-Sliema u ma kienx ihalliha ssuq biex ma tkun tista’ tmur imkien, u filghodu ghax-xoghol kien iwassalni hu u wara bilfors riedha tigi b’ tal-linja ghax inkellha jaghmel pandemonju.

Illi rigward il-pass taz-zwieg, il-konvenuta tghid li zzewgu “ghax konna wasalna fi stat li nahseb dak kien l-unika pass li kellna naghmlu wara 7 snin gharajjes, kellna l-post lest.”[4] Tghid li “wara li zzewwigna l-affarijiet marru ghall-aghar ghaliex ir-rabta tal-attur mal-familja tieghu, u kif ukoll il-karattru tieghu hareg izjed” peress li bdew jghixu flimkien u jaraw izjed lil xulxin. Il-konvenuta tghid li hi kienet riedet li jmorru counselling b’ tentattiv li ssalva z-zwieg, izda l-attur ma riedx imur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehema li dan iz-zwieg bejn il-partijiet qatt ma messu sar, u hija propensa li taccetta bhala korrett dak li qalet il-konvenuta li huma zzewgu semplicement ghax kien ghadda certu tul taz-zmien li kienu jafu lil xulxin u kienu biss draw lil xulxin; izda kemm il-komportament ta’ l-attur, li kien jezisti qabel iz-zwieg, kif ukoll ir-reazzjoni tal-konvenuta ghas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha fil-hajja matrimonjali, juri bic-car li fiz-zmien li z-zewg partijiet taw il-kunsens matrimonjali taghhom huma ma fehmux bizzjjed u ma gharrfux l-obbligazzjonijiet tal-hajja matrimonjali, partikolarment dak tal-konvivenza matrimonjali bazata fuq u diretta lejn il-benessere reciproku. Dan huwa

[3] Fol.42 *et seq.*
[4] Dep.Ibid.

evidenzjat mill-fatt li mill-bidu nett taz-zwieg ir-relazzjoni ta' bejniethom bdiet tiqras, u wara sitt xhur ta' konvivenza matrimonjali ddigenerat b' mod drastiku b' tal-mod li wara circa sena u nofs mid-data taz-zwieg il-partijiet isseparaw de facto.

Il-Qorti tirravvisa f' dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat fil-konfront taz-zewg partijiet, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu affetti minn difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import, id-drittijiet u d-dmirijiet, tal-hajja konjugali. Dan jispjega ghaliex il-partijiet, li kienu ilhom jafu lil xulxin seba' snin, malli bdew jikkonvivu sabu ruhhom f' sitwazzjoni li ma setghux jissaportu, u dan wara ftit xhur taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null ghar-raguni kontemplata fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.16 attribwibbli liz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' April 2002. L-ispejjez jigu sopprtati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------